32000D0111

ID-DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tal-21 ta' Diċembru 1999

li tinnomina bank ġdid ta' l-antiġeni u tagħmel dispożizzjonijiet għat-trasferiment u l-ħażna ta' l-antiġeni fil-qafas ta' l-azzjoni Komunitarja li tikkonċerna r-riżervi tat-tilqima għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer

(notifikata bid-dokument numru C(1999) 4782)

(2000/111/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi il-Komunita Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Deċiżjoni tal-Kunsill 90/424/KEE tas-26 ta' Ġunju 1990 dwar l-ispiża fil-qasam veterinarj [1], kif l-aħħar emendat permezz tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1258/99 [2], u b'mod partikolari l-Artikolu 14 tiegħu,

Wara li kkunsidrat id-Deċizjoni tal-Kunsill 91/666/KEE tal-11 ta' Diċembru 1991 li twaqqaf riżervi tal-Komunità tat-tilqima tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer [3], kif l-aħħar emendata bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 1999/762/KE [4], u b'mod partikolari l-Artikoli 3(1), it-tielet inċiż u 7 ta' l-istess,

Billi:

(1) Skond l-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni Nru 91/666/KEE tal-Kummissjoni, skond il-proċeduri stipulati fl-Artikolu 10 ta'dik id-Deċiżjoni, tista' tinnomina fond għall-ħażna ta' riżervi tal-Komunità ta' l-antiġen tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer sakemm dawn iħarsu d-dispozizzjonijiet ta' l-Artikoli 4 u 6 ta' dik id-Deċiżjoni.

(2) L-Artikolu 3 tad-Deċiżjoni tal-Kummuissjoni 93/590/KE tal-5 Novembru 1993, għax-xiri ta' antiġeni għall-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer fil-qafas ta' l-azzjoni tal-Komunità li tikkonjċerna riżervi tat-tilqim tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer [5], kif l-aħħar emendat bid-Deċiżjoni 95/471/KE [6], jipprovdi sabiex l-antiġen jiġi maħżun fi tlett lokalitajiet.

(3) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 97/348/KE tat-23 ta' Mejju 1997 għax-xiri mill-Komunità ta' antiġeni tal-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer, u għall-formulazzjoni, produzzjoni, ibbottiljar u distribuzzjoni tat-tilqim kontra l-marda ta' l-ilsien u d-dwiefer [7], tagħti dettalji dwar id-distribuzzjoni ta' antiġen mixtri ġdid lil banek ta' l-antiġen li jiġu nominati.

(4) Il-fond ta' l-Istitut tas-Saħħa ta' l-Annimali, Pirbright, ir-Renju Unit, m'għadhux bank nominat ta' antigen tal-Komunità. Inoltre', dak li kien il-bank ta' l-antiġen f'Pirbright irrifjuta li jirċievi l-kwantitajiet u t-tipi ta' antiġen assenjati bid-Deċiżjoni 97/348/KE u dan l-antiġen kien ġie maħzun fil-fond tal-fabbrikant Merial SAS, Pirbright.

(5) In vista ta' l-ispejjeż neċessarji u r-reviżjoni tal-leġislazzjoni rilevanti jidher xieraq li jiġi nominat il-fabbrikant ta' l-antiġen, Meril SAS, Pirbright ir-Renju Unit, bħala bank ta' l-antiġen tal-Komunità u konsegwentement li jsiru dispożizzjonijiet għat-trasferiment ta' antiġen maħżun fl-Istitut għas-Saħħa ta' l-Annimali, ir-Renju Unit, biex jinħażen fil-fond ta' Merial SAS, Pirbright.

(6) Id-Direttur -Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali responsabbli għall-leġislazzjoni veterinarja tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa ta' l-annimali huwa awtoriżżat biex jiffirma kuntratti ma' banek tat-tilqim nominati fi propjetà privata.

(7) Billi l-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma skond l-opinjoni tal-Kumitat Veterinarju Permanenti,

[1] ĠU L 224, tat-18.8.1990, p. 19.
[2] ĠU L 160, tas-26.6.1999, p. 103.
[3] ĠU L 368, tal-31.12.1991, p. 21.
[4] ĠU L 301, ta' l-24.11.1999, p. 6.
[5] ĠU L 280, tat-13.11.1993, p. 33.
[6] ĠU L 269, tal-11.11.1995, p. 29.
[7] ĠU L 148, tas-6.6.1997, p. 27.

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

1. Mingħajr preġudizzju għall-Artikolu 3(1), l-ewwel u t-tieni inċiż, tad-Deċiżjoni 91/666/KEE għandu jiġi stabbilit bank ta' l-antiġen f' Merial SAS, Pirbright, ir-Renju Unit.

2. Il-kwantitajiet u t-tipi ta' antiġen maħżuna skond id-Deċiżjoni 93/590/KE fil-bank ta' l-antiġen tal-Komunità fl-Istitut tas-Saħħa ta' l-Annimali, Pirbright, ir-Renju Unit, għandhom jiġu trasferiti għal-ħażna f'Merial SAS, Pirbright, ir-Renju Unit. It-trasferiment għandu jsir bir-responsabbilita' ta' Merial SAS.

3. L-antiġen mixtri mill-Komunità u assenjat lill-bank ta' l-antiġen tal-Komunità fil-fond ta' l-Istitut tas-Saħħa ta' l-Annimali, Pirbright, skond id-Deċiżjoni 97/348/KE għandu jiġi maħżun fil-fond ta' Merial SAS, Pirbright, ir-Renju Unit.

4. Biex jintlaħqu l-għanijiet tal-paragrafi 2 u 3, l-Kummissjoni għandha tikkonkludi kuntratt għan-nom tal-Komunitajiet Ewropej, ma' Merial SAS.

5. Id-Direttur Ġenerali tad-Direttorat Ġenerali responsabbli mill-leġislazzjoni veterinarja tal-Komunità fil-qasam tas-saħħa ta' l-annimali huwa awtorizzat sabiex jiffirma l-kuntratt tat-trasferiment u l-ħażna tal-kwantitajiet u tipi ta' antiġen għannom tal-Kummissjoni tal-Komunitajiet Ewropej.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni għandha tapplika mill-1 ta' Frar 2000.

Artikolu 3

Dan id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmulha fi Brussell, fil-21 ta' Diċembru 1999.

Għall-Kummissjoni

David BYRNE

Membru tal-Kummissjoni